



---

**0058/2016**

6.6.2016

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kisba tar-reċiproċità sħiħa tal-viżra mal-Istati Uniti tal-Amerika

**Momchil Nekov (S&D), Demetris Papadakis (S&D), Bogdan Brunon Wenta (PPE), Takis Hadjigeorgiou (GUE/NGL), Emilian Pavel (S&D), Nicola Caputo (S&D), Norica Nicolai (ALDE), Tonino Picula (S&D), Marek Plura (PPE), Jozo Radoš (ALDE), Ivan Jakovčić (ALDE), Doru-Claudian Frunzulică (S&D)**

Data ta' skadenza: 6.9.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar il-kisba tar-reċiproċità sħiħa tal-viża mal-Istati Uniti tal-Amerka<sup>1</sup>**

1. Għalkemm iċ-ċittadini tal-Istati Uniti jistgħu jivvjaġġaw liberament fl-UE kollha, iċ-ċittadini tal-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, il-Polonja u r-Rumanija għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-viża meta jivvjaġġaw lejn l-Istati Uniti.
2. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1289/2013, jekk ir-rekwiżiti tal-viża tal-Istati Uniti għaċ-ċittadini tal-UE ma jitneħħewx sa April 2016, il-Kummissjoni meħtieġa tadotta att delegat li, wara li jidħol fis-seħħ, jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri.
3. Tali żviluppi jistgħu jippreġudikaw in-negożjati li għaddejjin dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), u r-ratifikasi possibbli tagħha.
4. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għalhekk mitluba jżidu l-pressjoni politika fuq l-Istati Uniti sabiex jiġu aboliti r-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-UE, u jappoġġaw ukoll l-isforzi tal-Istati Membri kkonċernati fit-tħejjija tal-implimentazzjoni possibbli ta' rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti fl-UE.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħha lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn magħgoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħha lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.